MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1067/2006

**Talba Nru: 1067/06VGD**

Andre Muscat (Id. 490682M) ezercjenti l-kummerc
taht l-isem La Dolce Vita Dolceria

Vs

Joanne Mifsud Sciberras (Id. 388178M) ezercjenti l-kummerc
taht l-isem J&T Cash & Carry.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf u disgha u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,079.50c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-attur lill-konvenuta, liema merkanzija l-konvenuta rceviet u accettat, bl-ispejjes, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Ottubru 2006 kif ukoll tal-mandat ta' qbid prezentat

kontestwalment ma dan l-Avviz u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Settembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' elf u disgha u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,079.50c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------